# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**David Cortis**

**Kumpilazzjoni Numru: 357/2010**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra David Cortis detentur tal-karta tal-identita` numru 30768M akkuzat talli fis-7 ta' April 2010 flimkien ma' persuna/i ohra mhux maghrufa fil-lokalita` maghrufa bhala Ta' Trapna u/jew Gianpula Fields, limiti li

jaqghu fil-konfini ta' bejn Haz-Zebbug u r-Rabat Malta, dolozament, b'sustanza esploziva, ghamel esplozjoni li setghet tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lill-hwejjeg ta' haddiehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 311 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data fuq imsemmija w fil-gimghat ta' qabel, ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huwa ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 313 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli nhar is-7 ta' April 2010 u fix-xhur ta' qabel f'Had-Dingli kellu fil-pussess tieghu armi u/jew munizzjon barra minn fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 5 (3) (a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli nhar is-7 ta' April 2010 u fix-xhur ta' qabel, naqas li javza lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-kambjament tal-fond approvat li fih kienet licenzjata l-imsemmija arma u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (3) (b) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli nhar is-7 ta' April 2010 u fix-xhur ta' qabel, ittrasferixxa arma tan-nar temporanjament gewwa fond iehor minghajr ma talab emenda fil-permess jew fil-licenzja tal-arma u dan bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli nhar is-7 ta' April 2010 u fix-xhur ta' qabel xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew indizzji ta' reat u dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi

moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 313 u 314 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli 29 u 41 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 3(1) u (2) u 27 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 9(1) u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 22(2) u 28 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 5(3)(a)(b) u 22(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-artikolu 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih u dan permezz ta' verbal tat-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tat-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) fejn id-difiza talbet li l-kaz jithalla ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Rat ukoll li ghar-rigward l-aggravju tar-recidiva u a bazi tal-insenjament tal- Qorti tal-Appell f'kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Grech (App nru. 615/16 deciza fit-28 ta' Gunju 2017) fejn inghad li sentenza li biha tigi inflitta multa ma titqiesx res judicata jekk ma jkun hemmx prova ta' dan il-hlas ma titqiesx li hija prova valida ai fini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-kaz is-sentenza giet esebita a folio 253 tal-atti processwali fejn din kienet giet imposta multa izda minn imkien ma giet ippruvata li dik il-multa giet imhallsa u/jew li giet skontata insegwitu ghall-konversjoni tal-istess fi prigunerija. Ghal dawn il-motivi l-addebita tar-recidiva ma tapplikax u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-

provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 311, 313 u 110(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(3)(a), 5(3)(b) u 22(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat David Cortis hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Ghar-ragunijiet fuq esposti l-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-aggravju tar-recediva.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri liema spejjez jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija tmienja u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2,668.81c).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat David Cortis l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

Benjamina Mifsud
Deputat Registratur